# KODIĊI TA' ETIKA TAX-XOGĦOL SOĊJALI

## Valuri u Prinċipji tal-Professjoni tax-Xogħol Soċjali

Il-Bord dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali f'Malta u l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Ħaddiema Soċjali

**Ringrazzjamenti**

Membri Passati u Preżenti tal-Professjoni tax-Xogħol Soċjali f'Malta
Membri Passati u Preżenti tal-Assoċjazzjoni tal-Ħaddiema Soċjali f'Malta

# Werrej


**1.0 Introduzzjoni ........ 1**

**2.0 Definizzjoni ta' Xogħol Soċjali ........ 2**

**3.0 L-Għan tal-Kodiċi ........ 3**

**4.0 Valuri u Pinċipji ........ 4**

**5.0 L-Importanza tar-Relazzjonijiet Umani ........ 5**

**6.0 Linji Gwida għall-Prattika Etika ........ 6**

6.1 Responsabbiltajiet lejn l-Utenti tas-Servizz ........ 6

6.1.1 Interessi tal-Utenti tas-Servizz........ 6

6.1.2 Awtodeterminazzjoni tal-Utenti tas-Servizz........ 6

6.1.3 Sensibilizzazzjoni Kulturali ........ 7

6.1.4 Kunfidenzjalità, Żamma tar-Rekords u Kondivizjoni tal-Informazzjoni ........ 7

6.1.5 Kompetenza........ 7

6.1.6 Relazzjonijiet Privati, Esklussivi u/jew Sesswali........ 8

6.1.7 Kuntatt Fiżiku........ 8

6.1.8 Terminazzjoni/Interruzzjoni tas-Servizz ........ 8

6.1.9 Ħlas irregolari għas-Servizzi........ 8

6.2 Responsabbiltajiet lejn il-Kollegi........ 8

6.2.1 Kunflitt ta' Interess fir-Relazzjonijiet Professjonali ........ 9

6.3 Responsabbiltajiet lejn l-Organizzazzjonijiet li Jimpjegaw ........ 9

6.3.1 Prattika Privata ........ 9

6.3.2 Organizzazzjonijiet li jipprovdu Edukazzjoni, Appoġġ u Riċerka ........ 10

6.3.3 Kuntest Organizzattiv tax-Xogħol Soċjali........ 10

6.4 Responsabbiltajiet lejn il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali ........ 10

6.4.1 Responsabbiltajiet bħala Professjonisti ........ 10

6.5 Responsabbiltajiet lejn il-Komunità b'mod ġenerali ........ 11

**Referenzi ........ 13**

## KODIĊI TA’ ETIKA TAX-XOGĦOL SOĊJALI

### Valuri u Prinċipji tal-Professjoni tax-Xogħol Soċjali

Il-Bord dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali f’Malta u l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Ħaddiema Soċjali

## 1.0 INTRODUZZJONI

i. Ix-xogħol soċjali huwa attività professjonali rregolata mill-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali, Kapitolu 468 tal-Liġijiet ta’ Malta. Il-Kodiċi ta’ Etika, li jesprimi l-valuri u l-prinċipji li huma integrali għall-professjoni tax-xogħol soċjali u li jikkarettirizzawha, għandu l-għan li jservi bħala gwida għall-imġiba tal-ħaddiema soċjali. Iservi wkoll bħala bażi għad-deċiżjoni ta’ kwistjonijiet fl-etika meta l-imġiba tal-ħaddiema soċjali tkun allegata li kisret l-istandards espressi jew implikati f’dan il-kodiċi.

ii. Dan il-Kodiċi ta’ Etika huwa bbażat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ħaddiema Soċjali biex tħeġġeġ ir-riflessjoni u d-dijalogu dwar kwistjonijiet etiċi sabiex tgħin lill-professjoni żżomm, tiddefendi u tiżviluppa l-ġudizzju etiku tagħha.

iii. Dan il-kodiċi jirrikonoxxi li x-xogħol soċjali huwa professjoni bbażata fuq il-valur fejn il-ġudizzju tal-valur għandu rwol importanti fil-prattika. Huwa importanti li wieħed jagħraf li dawn il-valuri jidhru wkoll f’opinjonijiet u attitudnijiet espressi, kif ukoll fi strutturi organizzattivi u f’kuntesti oħra li jopera fih ix-xogħol soċjali.

iv. Dan il-Kodiċi ta’ Etika tax-Xogħol Soċjali huwa dikjarazzjoni ta’ valuri u prinċipji li għandhom jorbtu lill-professjonisti tax-xogħol soċjali u jiggwidaw lil min iħaddem. Huwa dokument li għandu jinżamm ħaj permezz ta’ reviżjonijiet perjodiċi.

v. Il-Bord dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali f'Malta (MSWPB) u l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Ħaddiema Soċjali (MASW) stabbilixxew dan il-Kodiċi ta’ Etika li għandu jiġi rispettat mill-ħaddiema soċjali li jipprattikaw f’Malta. F’każijiet ta’ allegat ksur ta’ dan il-kodiċi, indipendentement minn kwalunkwe proċedura interna li tista’ ssir mill-organizzazzjoni li timpjega, l-ilmentatur jista’ jirreferi għall-Bord dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali f'Malta u jressaq ilment formali skont il-Proċedura ta’ Inkjesta kif stabbilita mill-Bord imsemmi.

## 2.0 DEFINIZZJONI TA' XOGĦOL SOĊJALI

i. Fl-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali (Kap 468), ix-xogħol soċjali huwa definit bħala

**professjoni li tissarraf fil-prattika, kif ukoll dixxiplina akkademika, li ġġib 'il quddiem il-bidla, l-iżvilupp u l-koeżjoni soċjali, waqt li ssaħħaħ il-kontroll u l-libertà li jgawdu l-bnedmin fuq ħajjithom. Fil-qofol tax-xogħol soċjali hemm il-prinċipji tal-ġustizzja soċjali, drittijiet umani, ir-responsabbiltà kollettiva, u r-rispett tad-diversitajiet. B'għeruq f'teoriji tax-xogħol soċjali nnifsu, tax-xjenzi soċjali u umanistiċi, u wkoll fil-għerf indiġenu, ix-xogħol soċjali jaħdem ma' persuni u strutturi, biex b'hekk jintlaqgħu l-isfidi tal-ħajja u jittejjeb l-għajxien.**

ii. Malta tifforma parti minn network internazzjonali ta' korpi ta' xogħol soċjali, jiġifieri l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Iskejjel tax-Xogħol Soċjali (IASSW) u l-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ħaddiema Soċjali (IFSW). Id-definizzjoni ta' xogħol soċjali adottata mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ħaddiema Soċjali u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Iskejjel tax-Xogħol Soċjali (2001) tiddikjara li:

**Il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali tippromwovi l-bidla soċjali, is-soluzzjoni tal-problemi fir-relazzjonijiet umani u l-emanċipazzjoni u l-liberazzjoni tan-nies biex jittejjeb il-benesseri. Permezz tat-teoriji dwar l-imġiba u s-sistemi soċjali tal-bniedem, ix-xogħol soċjali jintervjeni fil-punti fejn in-nies jinteraġixxu mal-ambjent tagħhom. Il-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġustizzja soċjali huma fundamentali għax-xogħol soċjali.**

iii. Ix-Xogħol Soċjali jinvolvi primarjament iżda mhux esklussivament:
   a. Il-parteċipazzjoni, il-valutazzjoni, l-intervent u l-evalwazzjoni;
   b. Servizzi terapewtiċi
   c. L-iżvilupp, il-promozzjoni u t-twassil ta' programmi ta' servizzi umani;
   d. Il-promozzjoni tal-ġustizzja soċjali, l-opportunitajiet indaqs u l-koeżjoni soċjali;
   e. Riċerka applikata.

iv. Il-provvediment tas-servizz tax-xogħol soċjali jeħtieġ l-għarfien espert u komprensiv, il-ħiliet, il-ġudizzju u l-kondotta etika ta' natura distinta professjonali kif previst fl-edukazzjoni tax-xogħol soċjali fil-livell universitarju.

## 3.0 **L-GĦAN TAL-KODIĊI**

i. Dan il-Kodiċi ta' Etika jirrikonoxxi l-kondotta etika bħala parti fundamentali mill-prattika professjonali tal-ħaddiema soċjali. Il-kapaċità u l-impenn tagħhom li jaġixxu b'mod etiku huwa aspett essenzjali tal-kwalità tas-servizz offrut lil dawk li jużaw is-servizzi tax-xogħol soċjali. Għalhekk, dan il-kodiċi huwa maħsub biex iservi bħala gwida għall-prattika etika tal-ħaddiema soċjali kif ukoll biex jippromwovi riflessjoni, prattika u dibattitu etiċi fost il-ħaddiema soċjali, min iħaddimhom, dawk li jfasslu l-politiki, fost l-akkademiċi u l-istudenti tax-xogħol soċjali.

ii. Konsegwentement, il-Kodiċi għandu:
   a. jidentifika l-valuri u l-prinċipji li huma l-bażi tal-prattika ta' xogħol soċjali etiku;
   b. jipprovdi standard għall-kondotta u r-responsabbiltà tax-xogħol soċjali;
   c. jipprovdi bażi għar-riflessjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet etiċi;
   d. jipprovdi qafas għall-organizzazzjoni tax-xogħol soċjali sabiex jinżamm ambjent tax-xogħol li jikkorrispondi ma' prattika etika;
   e. jinforma lill-utenti tas-servizz, lil min iħaddem u lill-partijiet ikkonċernati l-oħra dwar x'jikkostitwixxi prattika ta' xogħol soċjali etika;

iii. Il-Kodiċi ta' Etika jservi wkoll bħala bażi għall-investigazzjoni u d-deċiżjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-etika professjonali meta l-imġiba tal-ħaddiema soċjali tkun allegata li ddevjat mill-prinċipji espressi jew implikati f'dan il-Kodiċi.

## 4.0 **VALURI U PRINĊIPJI**

Fid-determinazzjoni u l-ksib tal-għanijiet tiegħu, ix-xogħol soċjali huwa impenjat lejn il-valuri ewlenin li ġejjin: id-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-bniedem, il-ġustizzja soċjali u s-servizz. Dawn il-valuri jiddeterminaw il-prinċipji li kull ħaddiem soċjali għandu jaspira għalihom.

### 4.1 Id-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-bniedem

Ix-xogħol soċjali huwa bbażat fuq ir-rispett għall-valur inerenti u d-dinjità tan-nies kollha, irrispettivament mid-diversità individwali u kulturali. Huwa japprezza l-ħtiġijiet, l-għażliet u l-potenzjal ta' kull persuna u jappoġġja d-drittijiet tal-bniedem u l-awtodeterminazzjoni permezz tas-sħubija u l-emanċipazzjoni. Ix-xogħol soċjali primarjament jiżgura l-protezzjoni ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, fil-limiti tar-rispett tad-drittijiet tal-oħrajn.

### 4.2 Ġustizzja soċjali

Ix-xogħol soċjali huwa impenjat għall-promozzjoni tal-ġustizzja soċjali fir-rigward tal-utenti tas-servizz tiegħu u għall-membri kollha tas-soċjetà. Il-ġustizzja soċjali tinkludi aċċess ġust għar-riżorsi u għal trattament mingħajr preġudizzju u diskriminazzjoni. Din tikkontesta l-abbuż tal-poter u l-prattiki inġusti.

### 4.3 Servizz

Ix-xogħol soċjali jippromwovi servizz lil oħrajn li jmur lil hinn mill-interess personali. Jipprovdi servizz fl-interess tal-benesseri tal-bniedem u jgħin lin-nies fil-bżonn biex jindirizzaw problemi personali u soċjali. Jipprovdi servizz ta' kwalità billi jżomm il-kompetenza u joffri prattika onesta, affidabbli u kunfidenzjali.

## 5.0 L-IMPORTANZA TAR-RELAZZJONIJIET UMANI

Il-ħaddiema soċjali japprezzaw ir-relazzjonijiet umani u jirrikonoxxu li dawn huma ta' importanza fundamentali. Il-ħaddiema soċjali japprezzaw li l-proċess tal-bidla huwa ffaċilitat permezz tal-kuntatt u l-interazzjoni bejn u fost in-nies. Għalhekk, ir-relazzjonijiet huma mezz prinċipali għall-bidla. Billi jingħaqdu mal-persuni bħala sħab fil-proċess terapewtiku tagħhom, il-ħaddiema soċjali jagħmlu ħilithom biex isaħħu r-relazzjonijiet bejn is-sistemi bl-għan li jappoġġjaw, jibnu mill-ġdid, iżommu u jtejbu l-benesseri tal-individwi, il-familji, il-gruppi soċjali, l-organizzazzjonijiet, il-komunitajiet u s-soċjetà kollha kemm hi.

## 6.0 **LINJI GWIDA GĦAL PRATTIKA ETIKA**

Din it-taqsima sservi bħala gwida biex tiżgura prattika professjonali u etika f'diversi kuntesti. Ir-responsabbiltajiet ta' hawn taħt mhuma elenkati fl-ebda ordni ta' prijorità, u huma kumplimentari b'mod indaqs.

Il-ħaddiema soċjali għandhom responsabbiltajiet lejn:

6.1 L-Utenti tas-Servizz
6.2 Kollegi u professjonisti oħra
6.3 Organizzazzjonijiet
6.4 Il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali
6.5 Il-Komunità b'mod ġenerali

### 6.1 Responsabbiltajiet lejn l-Utenti tas-Servizz

Il-ħaddiema soċjali għandhom jittrattaw lill-utenti tas-servizz b'rispett. Huma għandhom jistinkaw sabiex jistabbilixxu relazzjonijiet ta' xogħol ibbażati fuq il-kooperazzjoni u l-fehim reċiproku.

#### 6.1.1 Interessi tal-Utenti tas-Servizz

Il-ħaddiema soċjali għandhom jissalvagwardjaw l-aħjar interessi tal-utenti tas-servizz, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-interessi ta' oħrajn. Il-ħaddiema soċjali għandhom jiġbdu l-attenzjoni tal-korpi xierqa għal kwalunkwe ksur tad-drittijiet tal-utenti tas-servizz li jistgħu jsiru jafu bih. Il-ħaddiema soċjali għandhom iżommu l-ħtiġijiet u l-interessi tal-utenti tas-servizz bħala l-punt fokali tal-interventi mwettqa magħhom. Għandhom dejjem iżommu limiti professjonali u jkunu konxji tal-kunflitti ta' interess potenzjali, b'mod partikolari fejn il-ħaddiema soċjali jistgħu jkunu qed jaqdu rwoli differenti.

#### 6.1.2 Awtodeterminazzjoni tal-Utenti tas-Servizz

Il-ħaddiem soċjali għandu jirrispetta l-integrità personali tal-utenti tas-servizz u jippromwovi l-awtonomija u r-reżiljenza tagħhom. Il-ħaddiema soċjali għandhom jinfurmaw lill-utenti tas-servizz dwar id-drittijiet, ir-responsabbiltajiet u l-obbligi tagħhom. Huma għandhom jgħinu lill-utenti tas-servizz iżidu l-firxa ta' għażliet u opportunitajiet miftuħa għalihom. Huma għandhom ukoll jippermettulhom jidentifikaw u jattivaw mill-ġdid ir-riżorsi biex jagħmlu l-aħjar deċiżjonijiet informati possibbli biex jilħqu l-għanijiet tagħhom. Anke f'sitwazzjonijiet fejn l-awtodeterminazzjoni tal-utenti tas-servizz trid tiġi limitata, dawn il-prinċipji għandhom jiggwidaw dawn il-prattiki.

### 6.1.3 Sensibilizzazzjoni kulturali[1]

Il-ħaddiema soċjali għandhom jirrispettaw id-diversità kulturali, filwaqt li jirrikonoxxu l-impatt li jista' jkollhom l-opinjonijiet u l-preġudizzji tagħhom fil-prattika tagħhom. Il-ħaddiema soċjali m'għandhomx jinvolvu ruħhom fi mġiba jew prattiki diskriminatorji.

### 6.1.4 Kunfidenzjalità, Żamma tar-Rekords u Kondiviżjoni ta' Informazzjoni

i. Il-ħaddiema soċjali għandhom jirrispettaw il-privatezza tal-utenti tas-servizz u jittrattaw b'kunfidenza kwalunkwe informazzjoni miksuba matul is-servizz professjonali.

ii. L-informazzjoni miksuba matul is-servizz professjonali hija kunfidenzjali u għandha tiġi ttrattata b'diskrezzjoni kbira u fil-qafas legali nazzjonali u dak tal-Unjoni Ewropea.

iii. L-informazzjoni personali għandha titqies bħala l-proprjetà tal-utenti tas-servizz u għandha tintuża biss għall-għan li għalih tkun inkisbet oriġinarjament, jew b'kunsens infurmat bil-miktub, għal skopijiet oħra.

iv. Din l-informazzjoni m'għandhiex tinżamm għal żmien itwal milli jkun meħtieġ u għandha tintuża b'attenzjoni u b'responsabbiltà skont il-leġiżlazzjoni tad-*data* infurzata.

v. L-informazzjoni personali għandha tiġi kondiviża biss mill-ħaddiem soċjali u partijiet interessati oħra bil-kunsens infurmat tal-utent tas-servizz, ħlief meta jkun hemm kwistjonijiet ta' abbuż tat-tfal jew meta l-ħaddiem soċjali jkun konvint li l-utent tas-servizz jew persuni oħra jkunu f'riskju serju ta' dannu. F'dan il-każ, l-informazzjoni għandha tiġi żvelata lil oħrajn fuq bażi tal-ħtieġa ta' tagħrif professjonali. Il-ħaddiema soċjali għandhom jenfasizzaw l-importanza ta' prattika kunfidenzjali mal-partijiet kollha involuti.

vi. Il-kunsens tal-utenti tas-servizz m'għandux jiġi mfittex jekk jitqies li tali informazzjoni tista' tippreġudika l-investigazzjoni ta' reat.

vii. Iż-żamma tar-rekords kollha għandha ssir skont il-prinċipji msemmija hawn fuq.

### 6.1.5 Kompetenza

i. Il-ħaddiema soċjali għandhom jipprattikaw fl-oqsma tal-kompetenza tagħhom u jiżviluppaw u jtejbu l-għarfien professjonali tagħhom.

[1] Il-kultura tirreferi għall-etniċità, ir-reliġjon, it-twemmin politiku, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-abbiltà u l-età.

ii. Il-ħaddiema soċjali huma mistennija li jiżviluppaw u jżommu l-ħiliet u l-kompetenza ta’ kwalità biex jipprattikaw ix-xogħol soċjali fl-aħjar interessi tal-utenti tas-servizz tagħhom billi jimpenjaw ruħhom għal edukazzjoni u taħriġ professjonali kontinwi.

iii. Il-ħaddiema soċjali jista’ jkollhom bżonn jikkonsultaw u jirriflettu ma’ kollegi jew ma’ superjuri meta jirrikonoxxu li ma jkunux qed jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-utenti tas-servizz tagħhom b’mod effettiv. Huma għandhom jirreferu lill-utenti tas-servizz għal servizzi oħra meta l-ħtiġijiet tal-utenti tas-servizz ma jkunux fil-kompetenza tagħhom.

6.1.6 Relazzjonijiet privati, esklussivi u/jew sesswali

i. Il-ħaddiema soċjali m’għandhomx jinvolvu ruħhom f’relazzjonijiet privati, esklussivi, kummerċjali u/jew sesswali mal-utenti tas-servizz kemm jekk dan il-kuntatt ikun konsenswali kif ukoll jekk ikun sfurzat. Dawn ir-relazzjonijiet jinkludu dawk maħluqa jew miżmuma permezz tan-networking soċjali jew permezz tal-użu ta’ Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni oħra. F’każijiet bħal dawn, il-ħaddiema soċjali huma marbuta li jiġbdul-attenzjoni malajr tal-maniġment, fejn applikabbli, u s-superviżjoni fir-rigward ta’ dawn il-kwistjonijiet għall-azzjoni meħtieġa.

ii. Il-ħaddiema soċjali m’għandhomx jipprovdu servizzi lil individwi li qabel, magħhom kellhom relazzjoni personali u/jew sesswali. Relazzjonijiet bħal dawn jagħmluha diffiċli għall-ħaddiem soċjali u għall-utent tas-servizz biex iżommu l-limiti professjonali xierqa.

6.1.7 Kuntatt Fiżiku

Il-ħaddiema soċjali jistgħu jinvolvu ruħhom f’kuntatt fiżiku biss meta dan ikun definit f’limiti ċari, li huma professjonali xierqa u kulturalment sensittivi. Il-ħaddiema soċjali għandhom ikunu konxji li kuntatt fiżiku bħal dan jista’ jwassal għall-possibbiltà ta’ dannu psikoloġiku jew fiżiku lill-utent tas-servizz.

6.1.8 Terminazzjoni/Interruzzjoni tas-servizz

Il-ħaddiema soċjali għandhom itemmu r-relazzjonijiet u s-servizzi professjonali meta dawn ir-relazzjonijiet u s-servizzi ma jibqgħux iservu l-interessi jew il-ħtiġijiet tal-utenti tas-servizz. Għandhom jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-proċess ta’ terminazzjoni jew referenza għal servizz ieħor mibdi minn ħaddiem soċjali jsir fl-aħjar interess tal-utent tas-servizz.

6.1.9 Ħlas irregolari għas-Servizzi

Il-ħaddiema soċjali m'għandhomx jaċċettaw u/jew jitolbu prodotti, servizzi, jew remunerazzjoni finanzjarja oħra biex jipprovdu servizzi permezz ta' aġenziji li joffru servizzi mingħajr ħlas. Jistgħu jiġu aċċettati biss rigali modesti jekk dan ma jkunx ta' detriment għall-provvediment tas-servizz jew ikun influwenti fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet, u jekk ma jkunx ipprojbit mill-politiki tal-organizzazzjoni. F'każijiet bħal dawn l-organizzazzjoni għandha tiġi infurmata b'mod xieraq.

## 6.2 Responsabbiltajiet lejn il-Kollegi

Fir-rigward ta' kollegi u professjonisti oħra, il-ħaddiema soċjali għandhom iżommu mal-valuri inerenti għall-professjoni tax-xogħol soċjali. Il-ħaddiema soċjali għandhom joħolqu ambjent tax-xogħol li jrawwem ir-rispett u l-appoġġ lejn il-kollegi, u rispett lejn il-prestazzjoni tagħhom anke meta jkun hemm differenzi ta' opinjonijiet. Il-ħaddiema soċjali għandhom iżommu r-responsabbiltajiet tagħhom f'konformità mal-valuri soċjali tax-xogħol.

### 6.2.1 Kunflitt ta' interess fir-relazzjonijiet professjonali

Il-Ħaddiema Soċjali għandhom jevitaw li jidħlu f'relazzjonijiet sesswali ma' superviżuri, studenti, apprendisti jew kollegi oħra li fuqhom jeżerċitaw awtorità professjonali, kemm jekk din ir-relazzjoni tkun konsenswali kif ukoll jekk tkun sfurzata. Il-ħaddiema soċjali għandhom ikunu konxji dwar kwalunkwe kunflitt ta' interess li jista' jirriżulta minn relazzjonijiet personali u kummerċjali mal-kollegi.

## 6.3 Responsabbiltajiet lejn l-Organizzazzjonijiet li Jħaddmu

i. Il-ħaddiema soċjali għandhom jirrikonoxxu u jikkonformaw mal-għanijiet ġenerali, il-politiki u l-ġestjoni tal-aġenzija li tħaddem, sakemm dawn ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' dan il-Kodiċi.

ii. Il-ħaddiema soċjali għandhom jistinkaw għall-aħjar standards possibbli għall-provvista tas-servizz. Meta jkun hemm dubju dwar kwistjonijiet etiċi, il-ħaddiema soċjali għandhom ifittxu l-parir u l-konsulenza tas-superviżuri tax-xogħol soċjali u ta' kollegi b'esperjenza, u jirreferu għall-Bord dwar il-Professjonijiet tax-Xogħol Soċjali f'Malta meta din il-konsultazzjoni tkun fl-aħjar interess tal-utenti tas-servizz.

iii. Meta l-ħaddiema soċjali jkunu tal-fehma professjonali li l-organizzazzjoni tkun qed tikser, direttament jew indirettament, il-prinċipji etiċi inerenti għall-professjoni, huma għandhom jieħdu l-azzjoni xierqa biex jaraw li s-sitwazzjoni tiġi rimedjata. Jekk is-sitwazzjoni tippersisti, huma għandhom jirrapportaw lis-superjuri rilevanti, jekk ikun rrakkomandat, jew jirreferu l-każ lill-Bord tal-Professjoni tax-Xogħol Soċjali ta' Malta għal gwida.

### 6.3.1 Prattika privata

Minbarra r-rekwiżiti l-oħra kollha stipulati f'dan il-kodiċi, il-ħaddiema soċjali involuti fi prattika privata se:

i. Jagħtu pariri lill-klijenti dwar it-tariffi u kwalunkwe spiża oħra qabel ma jibdew is-servizz professjonali;

ii. Jitolbu ħlas biss għas-sigħat u s-servizzi kkuntrattati minnhom;

iii. Jitolbu tariffi ġusti u raġonevoli;

iv. Jirranġaw servizz temporanju jew ta' sostituzzjoni xieraq għall-utenti tas-servizz meta ma jkunux disponibbli jew ma jkunux jistgħu jkomplu l-prattika meta jkun possibbli;

v. Ma jitolbux prattika privata mill-post tax-xogħol alternattiv/preċedenti tagħhom, jew minn kwalunkwe ħaddiem soċjali jew kwalunkwe professjonist ieħor fil-prattika privata.

### 6.3.2 Organizzazzjonijiet li jipprovdu Edukazzjoni, Appoġġ u Riċerka

Il-ħaddiema soċjali involuti f'organizzazzjonijiet li jipprovdu edukazzjoni, taħriġ u riċerka għandhom jikkonformaw ukoll ma' dan il-Kodiċi ta' Etika. Dawn jinkludu ħaddiema soċjali li r-rwol tagħhom jinkludi l-mentoraġġ, is-superviżjoni u/jew il-konsultazzjoni mal-ħaddiema soċjali studenti u/jew il-kollegi.

### 6.3.3 Kuntest Organizzattiv tax-Xogħol Soċjali

Min iħaddem lill-ħaddiema soċjali għandu:

i. Ikun konxju tal-valuri u l-prinċipji ta' dan il-Kodiċi ta' Etika.

ii. Joħloq kundizzjonijiet u jkollu fis-seħħ politiki li jippermettu lill-ħaddiema soċjali jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-Kodiċi, u standards u linji gwida oħra stabbiliti mill-korpi nazzjonali rikonoxxuti tax-xogħol soċjali;

iii. Jipprovdi superviżjoni tax-xogħol soċjali sabiex jiġu appoġġjati l-ħaddiema soċjali u sabiex tinżamm prattika effettiva, riflettiva, kritika u kreattiva;

iv. Jimpenja ruħu li jħares l-interessi u l-benesseri tal-ħaddiema soċjali.

6.4 <u>Responsabbiltajiet lejn il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali</u>

i. Il-ħaddiema soċjali għandhom iżommu d-dinjità u l-integrità tal-professjoni tax-xogħol soċjali billi jippromovu standards professjonali ta' prattika, kodiċi u linji gwida, u jaħdmu għall-avvanz tagħhom b'assoċjazzjoni mal-korpi professjonali nazzjonali u internazzjonali tax-xogħol soċjali.

ii. Il-ħaddiema soċjali għandhom jipparteċipaw, irawmu u jimpenjaw ruħhom f'dibattitu professjonali mal-kollegi tagħhom u ma' min iħaddimhom.

iii. Il-ħaddiema soċjali għandhom jaġixxu sabiex jipprevjenu u/jew jirrappurtaw lill-awtorità kompetenti kwalunkwe kondotta professjonali ħażina, negliġenza qawwija jew inkompetenza minn ħaddiem soċjali.

6.4.1 Responsabbiltajiet bħala Professjonisti

i. Il-ħaddiema soċjali għandhom ir-responsabbiltà li jżommu l-aħjar prattika billi jagħmlu użu xieraq u regolari tas-superviżjoni.

ii. Il-ħaddiema soċjali għandhom jiżguraw il-kura xierqa tagħhom minħabba li l-għodda prinċipali tal-ħaddiem soċjali hija huma innifishom.

iii. Il-ħaddiema soċjali għandhom jieħdu r-responsabbiltà u r-rikonoxximent għax-xogħol li jkunu wettqu u li għalih ikkontribwew biss. Barra minn hekk, il-ħaddiema soċjali għandhom jirrikonoxxu x-xogħol u l-kontribut ta' oħrajn.

iv. Il-ħaddiema soċjali għandhom jikkollaboraw ma' stabbilimenti edukattivi tax-xogħol soċjali bl-għan li jappoġġjaw lill-istudenti tax-xogħol soċjali biex jiksbu taħriġ prattiku ta' kwalità tajba u għarfien funzjonali avvanzat.

v. Il-ħaddiema soċjali għandhom ikunu ggwidati mill-etika tal-professjoni, b'konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-impjieg u l-industrija jekk jinvolvu ruħhom f'xi azzjoni, kemm jekk tkun industrijali jew mod ieħor.

vi. Il-ħaddiema soċjali għandhom jirrikonoxxu li l-provvediment ta' servizzi essenzjali għandha tissupera kull interess personali. Jekk trid tittieħed azzjoni bħal din, il-ħaddiema soċjali għandhom jiżguraw li jkun hemm provvediment ta' servizzi ta' emerġenza għall-utenti tas-servizz li jkunu meqjusa li huma f'riskju ta' dannu.

6.5 <u>Responsabbiltajiet lejn il-komunità inġenerali</u>

i. Il-ħaddiema soċjali għandhom responsabbiltajiet lejn is-soċjetà Maltija fis-sens li dejjem għandhom jaġixxu biex jippromwovu l-benesseri ta' kulħadd b'mod speċjali għall-gruppi u l-individwi żvantaġġati jew oppressi.

ii. Għandhom jiżguraw li l-persuni kollha jkollhom aċċess għas-servizzi ta' protezzjoni soċjali li jkunu jeħtieġu u li s-servizzi u l-politiki jindirizzaw dawn il-ħtiġijiet b'modi li huma sensittivi u antidiskriminatorji.

iii. Il-ħaddiema soċjali għandhom jiffaċilitaw il-proċess ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini, b'mod partikolari l-utenti tas-servizz, fl-influwenzar tal-politiki u l-prattiki soċjali.

iv. Il-ħaddiema soċjali għandhom jiżguraw li l-pjanijiet ta' azzjoni stabbiliti mill-Ordnijiet tal-Qorti jew minn korpi oħra jitwettqu u jiġu implimentati.

**Referenzi**

Australian Association of Social Workers (2010). **Code of Ethics**. Canberra: AASW

British Association of Social Workers (2014). **The Code of Ethics for Social Work.** Birmingham: BASW

International Federation of Social Workers (2004). **Statement of Ethical Principles.** Berne: IFSW

National Association of Social Workers (2008). **Code of Ethics.** Washington, DC: NASW